## FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 2025**

**Talba Nru: 347/2023MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Lorraine Falzon (0568976M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fid-19 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuta tħallas is-somma ta' elf, tlett mija, sebgħa u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżimu (€1,387.28) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11067888 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta; bl-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi.

Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2023[2] fejn wara li t-Tribunal spjega lill-istess konvenuta iktar minn darba li għandha d-dritt li tqabbad Avukat, baqgħet tinsisti li tħallas is-*sorte* iżda mhux l-imgħax.

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 9 tal-proċess

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2025[3] ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi informat lit-Tribunal li l-konvenuta minkejja li qatt ma ffirmat ftehim mas-soċjeta' attriċi, ivversat diversi pagamenti mensili li jammontaw għa tminn mitt ewro (€800) iżda ilha diversi xhur ma tgħaddi pagamenti mensili.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidra li mis-somma ta' elf, tlett mija, sebgħa u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżimu (€1,387.28) tħallset is-somma ta' tminn mitt ewro (€800) mill-konvenuta u għalhekk għad baqa' il-bilanċ rimanenti ta' ħames mija, sebgħa u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżimu (€587.28) li għadu ma tħallasx.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament billi jordna u jikkundanna lil konvenuta tħallas is-somma ta' ħames mija, sebgħa u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżimu (€587.28), bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[3] A fol 14 tal-proċess